Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,826, 6 ta' Awissu, 1999
Taqsima B

A.L. 141 ta' l-1999

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (h) tal-artikolu 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1999 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 51 ta' l-1999.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1999.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali minnufih wara l-kliem "fuq tiġijiet" għandhom jidħlu l-kliem ", ordinazzjonijiet għas-saċerdozju".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-paragrafu (ċ) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "fuq funerali." għandhom jidħlu l-kliem "fuq funerali;" u minnufih wara l-paragrafu (ċ) tagħhom għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid:

"(d) taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa fuq ordinazzjonijiet għas-saċerdozju.".